MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 747/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**-vs-**

**Vince Azzopardi f'ismu u ghal kull interess li ghandu f'Antoinette Garage u Maria Azzopardi mart l-istess Vince Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnax-il elf, tlitt mija u seba' liri Maltin (Lm12,307) rapprezentanti import ta' diversi kambjali skaduti u mhux imhallsa, oltre l-imghax relattiv, kif hawn taht spjegat u cioe';

a. In kwantu ghal Lm3,249 import ta' 30 kambjala, 1 ta' L59 (bilanc), 1 ta' Lm66 u 28 ta' Lm118 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 1999 sa Jannar 2002 (A/C No. 961105388) u mhux imhallsa, hawn annessi u mmarkati bin-numri minn 1 sa 30 kosekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax fuq l-istess kambjali li mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-1 ta' Lulju, 2002 jammontaw ghal Lm 499;

b. In kwantu ghal Lm 5,586 import ta' 35 kambjala, 1 ta' Lm 160 il-wahda u 1 ta' Lm 146, debitament accettati u skaduti minn Gunju 1999 sa April 2002 (A/C No. 970400758) u mhux imhallsa, hawn annessi u mmarkati bin-numri minn 31 sa 65 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax fuq l-istess kambjali li mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-1 ta' Lulju, 2002 jammontaw ghal Lm 794;

c. In kwantu ghal Lm 3,292 import ta' 20 kambjala, 19 ta' Lm 165 il-wahda u 1 ta' Lm 157, debitament accettati u skaduti minn Mejju 1999 sa Dicembru 2000 (A/C No. 971101179) u mhux imhallsa, hawn annessi u mmarkati bin-numri minn 66 sa 85 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax fuq l-istess kambjali li mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-1 ta' Lulju, 2002 jammontaw ghal Lm 665.

Li ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

U li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta Lm 12,307 hu

cert, likwidu u esegibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. "A".

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici U.C.I.M. Co. Ltd. bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici Civili ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm 12,307 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali, li mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-1 ta' Lulju, 2002 jammontaw ghal Lm 1958, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur.

Semghet l-Avukat ta' l-attur.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Rat in-nota ta' riduzjoni tas-socjeta' attrici.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba attrici kif ridotta tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif ridotti u tikundannah ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef mitejn u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm3,252.00) bl-imghaxijiet mill-20 t' April, 2004. Spejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------